Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 501/2017

Il-Pulizja

Vs

Emanuel Vella

Illum 08 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Vella detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 23958(M) akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta fuq il-post tax-xoghol fil-kapacita tieghu personali u/jew bhala direttur ta' Dekker Limited u persuna li ghaliha qieghed isir xoghol fis-sit sitwat fi Plot 24, Triq Gianni Vella, Mosta nhar is-7 ta' Lulju, 2016 matul il-gurnata u/jew fil-granet ta' qabel naqqas milli jwettaq ir-responsabilitajiet tieghu bhala klijent.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Novembru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi 6(1) ta' A.L.281/04 ( S. L 424.29 ) tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta' € 700.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Emanuel Vella, pprezentat fid-29 ta' Novembru, 2017, fejn talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqu ta' seba' mitt ewro u minflok ma issibx lill-imputat hati tal-akkuza u tilliberah minnha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti qieghed li ma giex notifikat bl-akkuza ghax kien iccaqlaq mir-residenza tieghu u sar jaf biss bil-kaz meta gie infurmat bil-mandat t' arrest u ghalhekk qatt ma rcieva it-tahrika;
2. Illi fit-tieni lok l-esponenti qieghed jissottometti illi s-sit m'hiex tieghu imma ta' terza persuna u meta x-xhud tal-Awtorita tas-Sahha u s-Sigurta` xehdet fejn qalet li insiet il-kuntratt tax-xiri ix-xoghol ghax juri bic-car illi s-sit m' huwiex proprjeta' tal-esponenti u ghalhekk ma ngabitx dik il-prova necessarja sabiex juri li s-sit huwa tal-akkuzat;
3. Illi ghalkemm l-oneru tal-prova hija fuq l-akkuzat ghandu jkun hemm bizzejjed provi da parte tal-prosekuzzjoni li juri li l-kaz tieghu huwa gustifikat tenut kont tal-fatt illi l-esponenti ma kienx jaf ta' x' hiex huwa akkuzat u ma kellux hin bizzejjed sabiex jiddefendi ruhu tajjeb.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant fl-ewwel u fl-ahhar aggravvju minnu intentati jilmenta illi huwa qatt ma gie innotifikat bic-citazzjoni u li allura ma kellux zmien adegwat biex jipprepara d-difiza tieghu. Minn ezami tal-atti izda jirrizulta l-kuntrarju billi mill-Ordni tan-notifika esebieta a *folio* 2 tal-process jirrizulta illi l-appellant gie innotifikat bic-citazzjoni fl-24 ta' Gunju 2017 fis-sitta ta' fil-ghaxija u dan meta l-att gie ikkonsenjat lilu personalment minn PC917 fil-fond 13, Triq il-Bennej, Mosta. Illi fl-ewwel seduta imbaghad l-appellant imsejjah ma deherx u ghalhekk l-Ewwel Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' arrest fil-konfront tieghu. Fis-seduta ta' wara fil-fatt l-appellant deher assistit mid-difensur tieghu u tkompla l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza u l-

kawza giet deciza. *Di piu'* mill-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Novembru 2017 ma jidhirx illi l-appellant ilmenta illi huwa ma kienx gie innotifikat bl-akkuza jew li ma kienx jaf b'liema reat kien qed jigi mixli. Huwa biss issa fi stadju ta' revizjoni li qed iqanqal dan il-pregudizzjali li madanakollu ma hu sorrett bl-ebda mod mill-atti probatorji, kif inghad. Kwindi l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi fil-mertu l-appellant jilmenta illi mhuwiex sid tal-fond Plot 24, Triq Gianni Vella, Mosta u cioe' is-sit tal-kostruzzjoni mertu ta' dawn il-proceduri. Illi mix-xiehda ta' Elizabeth Saliba, *Occupational Health and Safety Officer* irrizulta illi hija kienet dejjem tikkomunika mal-appellant li kien indikat bhala is-sid mill-*Construction Notification Form*. Irrizulta ukoll illi l-*Project Supervisor* Charles Azzopardi kien gie inkarigat ukoll mill-appellant u allura kien il-'klijent' tieghu. Mir-rapport tal-imsemmi *Project Supervisor* kif ukoll mill-ispezzjoni maghmula mill-Ufficjal Saliba jirrizulta illi kien hemm bosta nuqqasijiet f'dan is-sit ta' kostruzzjoni li kienu ta' periklu ghal haddiema hemmhekk impjegati. Fil-fatt l-Awtorita' kellha tohorg Avviz ta' Twaqqif billi dawn in-nuqqasijiet ma gewx rimedjati. Jidher illi illum l-appellant ottempera ruhu mal-avviz lilu moghti. Illi minn dawn ix-xhieda allura johrog illi l-appellant kien is-sid tal-art li fuqha kienet qed issir il-kostruzzjoni, kif ukoll irrizulta mill-*Construction Notification Form* illi l-appellant, bhala id-direttur tas-socjeta Dekker Limited kien il-persuna definita bhala il-"klijent" skont ir-regolamenti u cioe' **"il-persuna naturali jew legali għal min jitwettaq proġett"**, minghajr il-htiega allura li jigi ippruvat illi fil-fatt dak il-"klijent" huwa s-sid tal-art li fuqha jkun qed isir dak il-progett.

.

Illi jibda biex jinghad illi l-appellant gie mixli bil-ksur tar-regolament 6(1) tal-Avviz Legali 281/2004 li jaqra hekk:

> **"Meta klijent ikun hatar xi supervisor tal-progett biex iwettaq id-dmirijiet imsemmija fir-regolament 5 u 6, dan ma jehlisx lill-klijent mir-responsabbiltajiet li jkollu f'dak ir-rigward."**

Issa dawn ir-regolamenti gew imhassra permezz tal-Avviz Legali 89 tal-2018 u sostitwiti bl-Avviz Legali 88 tal-2018 fejn allura r-reat li dwaru l-appellant jinsab

mixli gie illum tramandat fir-regolament 8 tal-imsemmi Avviz Legali li allura jirriproduci kelma b'kelma ir-regolament 6(1) hawn fuq iccitat.

Dan ifisser illi l-appellant bhala il-klijent ta' dan il-progett ta' kostruzzjoni ma jistax jezimi ruhu mir-responsabbilta' kriminali. Fil-fatt s-subinciz (3) u (4) tar-regolament 8 jipprovdu hekk:

> **(3) Biex tiġi osservata s-saħħa u sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, il-klijent għandu jieħu in konsiderazzjoni kull rapport bil-miktub mogħtija mis-supervisor tal-proġett, u għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li dawk responsabbli jirrispettaw l-obbligi tagħhom fil-limiti tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.**
> **(4) Sabiex tiġi osservata s-saħħa u sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, il-klijent għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.**

Illi kif inghad jirrizulta illi l-appellant kien il-persuna responsabbli ghax-xogholijiet ta' kostruzzjoni f'dan is-sit fil-Mosta. Kien hu is-sid u ukoll il-"klijent" kif definit fil-ligi. L-appellant minn naha tieghu la jixhed u lanqas iressaq provi biex allura ixejjen dawn l-affermazzjonijiet. Din il-Qorti, allura, ma tara li ghandha l-ebda mottiv li jista' igieghelha ma taghtix affidament lil dawn iz-zewg xhieda indipendenti u li huma nies professjonali fix-xoghol rispettiv taghhom. Mhux biss izda mill-*emails* skambjati bejn Charles Azzopardi il-*Project Supervisor* u l-appellant, kien qed jigi indikat lilu ghal iktar minn darba, anke permezz ta' ritratti, in-nuqqasijiet serji li kien hemm fuq is-sit tal-kostruzzjoni. Fuq kollox l-artikolu 15 tar-regolamenti gja l-artikolu 12 tal-Avviz Legali 281/2004 jiddisponi illi:

> **F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit.**

L-appellant dan jonqos milli jaghmlu biex b'hekk ma jirnexxielux ixejjen il-provi migjuba 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Mhux biss izda kif jirrizulta mill-verbal tas-

seduta tat-22 ta' Novembru 2017, l-appellant ezenta lix-xhud il-Prokuratur Legali Quentin Tanti bhala rapprezentant tal-Awtorita' ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji (MFSA) milli jiddeponi dwar s-socjeta' minnu rapprezentata Dekker Limited u li tidher bhala l-"klijent" mid-dokumenti tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tista' issib l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur